MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 523/2014

**Charles Grech & Company Limited (C2473)**

**vs**

**Entertainments Limited (C25687)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ Charles Grech & Company Limited li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Il-kumpannija intimata xtrat u akkwistat minghand il-kumpannija rikorrenti diversi prodotti u merkanzija u dana kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u markat bhala Dok. CG1.

Il-kumpannija intimata illum tinsab debitrici lejn il-kumpanija rikorrenti fis-somma €15,948.92 (hmistax-il elf disa’ mija u tmienja u erbghin Ewro u tnejn u disghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta’ prezz tal-prodotti u merkanzija mibjugha u konsenjata lill-kumpanija intimata u dana kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u markat bhala Dok. CG1.

Il-kumpannija intimata nonostante li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan id-debitu baqghet inadempjenti.

Dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjetà rikorrenti l-kumpannija intimata ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq ghall-hlas ta’ dan id-debitu.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tikkundanna lill-kumpannija intimata thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta’ €15,948.92 (hmistax-il elf disa’ mija u tmienja u erbghin Ewro u tnejn u disghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ prodotti u merkanzija mibjugha u konsenjata, bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat is-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm moghtija l-fakultà li tressaq eccezzjonijiet, Entertainment Limited ma ressqetx twegiba.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba ta’ Charles Grech & Company Limited; tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lil Entertainments Limited thallas lil Charles Grech & Company Limited is-somma ta’ €15,948.92 (hmistax-il elf disa’ mija u tmienja u erbghin Ewro u tnejn u disghin centezmu) bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Entertainments Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------